# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 769

KAZ NRU. 875

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Vella

u

Packprint Limited

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 5 ta' Dicembru, 1996

**Chairman : Is-Sur Tonio Portughese B.A. (Hons) M.A.**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra datata 7 ta' Lulju, 1995 Ref. ME 4/95/52 skond il-provediment ta' Artikolu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm tmien seduti.

L-appellant, Anthony Vella kien assistit mill-avukat Karmenu Mifsud Bonnici u l-Packprint Ltd kienet rapprezentata mis-sur Guy Chamberlain assistit mill-avukat Pierre Lofaro.

**<u>Sottomissjonijiet ghall-Kaz</u>**

<u>L-appellant</u> kien beda jahdem bhala “plate maker” fil-5 ta’ April, 1971 mas-Socjeta’ Packprint; tlahhaq shift foreman fit-30 ta’ Mejju, 1972; halla l-impjieg fil-25 ta’ Awissu. 1978; rega’ gie mpjegat mal-kumpanija Packprint fil-25 ta’ Settembru, 1978 bhala “junior executive” inhatar “shift foreman” fl-1 ta’ Novembru, 1978 u baqa’ f’din il-posizzjoni sat-terminazzjoni mill-impjieg fid-9 ta’ Settembru, 1994. Ir-raguni mis-Socjeta’ kienet ta’ “redundancy” ghax naqsilha x-xoghol. Gie sottomess li x-xoghol li kien jaghmel l-appellant beda jaghmlu haddiehor u jithallas bl-overtime ghalih. Anke’ kieku kien hemm redundancy Vella kien “senior” fis-servizz ghal min inzamm fl-impjieg, u kieku kien kaz genwin ta’ redundancy l-istaff foreman l-iehor missu tnizzel ghal “plate maker” minn fejn tela’, u l-”platemaker” jerga’ jmur printer minn fejn tela’. Il-kumpanija ghadha tahdem bis-sistema ta’ xiftijiet u kellha post vakanti ta’ storeman li ma giex offrut lir-rikorrent. Ghalhekk l-appellant ghandu ragun jahseb li l-impjieg tieghu gie terminat mill-General Manager.

<u>Ghall-Kumpanija Packprint Ltd</u> gie sottomess li f’redundancies li kellha taghmel gie segwit il-principju ta’ “last in first out”. Barra mill-hlas dovut, l-appellant gie mhallas ukoll ex gratia ta’ Lm608.16c. Il-kumpanija cahdet bl-aktar mod kategoriku illi t-terminazzjoni ta’ Vella kienet ghal xi raguni ngusta, u pprezentat dokumenti biex turi li l-kumpanija mxiet mal-principju ta’ ”last in first out”.

It-Tribunal sema’ xhieda rilevanti ghall-kaz, b’mod partikulari dik ta’ l-appellant innifsu u tal-General Manager Guy Chamberlain.

It-tezi tal-kumpanija kienet li rrizulta bl-aktar mod car li Vella kien gie ri-impjegat ghaliex kien telaq mill-impjieg tieghu u kien rega' gie ngaggat ghalhekk it-terminu li wiehed ghandu jiehu in kunsiderazzjoni huwa l-gurnata li rega' gie mpjegat mill-gdid. Ix-xhieda tal-General Manager, Guy Chamberlain stabbiliet li mhux Vella biss gie terminat imma numru sostanzjali ohra ta' mpjegati.

It-tezi f'isem l-appellant kienet li ma kinitx redundancy genwina ghax ir-riorganizzazzjoni ma taghmilx sens ghax hu mpossibbli tahdem minghajr supervizjoni.

Mix-xhieda ta' l-appellant irrizulta li xoghol ghalih kien ghad hemm u ghad hemm fis-socjeta' u li dak ix-xoghol bilfors qieghed jaghmlu xi haddiehor, qieghed jaghmlu bniedem mhux bl-istess kwalifiki, esperjenza u servizz daqs Vella.  Wiehed irid jara mhux biss meta wiehed beda fl-impjieg imma f'liema grad kien.

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Kazi bhal dawn ta' allegati "redundancies" waqt li jqajjmu aspetti emottivi li huma komprensibbli f'dimensjoni umana, iridu wkoll ikunu inkwadrati fil-kuntest tekniku tal-ligi vigenti. L-employer ihaddem l-assi finanzjarji u r-rizorsi tieghu bil-ghan li jimmassimalizza l-investimenti tieghu u ghandu d-dritt legali u l-obbligu lejn ix-shareholders tieghu u l-istess dipendenti tieghu, li jikkoregi effettivament sitwazzjonijiet ta' telf jew inefficjenzi.  Dan hu kompitu essenzjalment manigerjali u jinbtu diversi cirkostanzi li fihom kumpanija tirrikorri ghall-jedd legali taghha li tnaqqas il-headcount u b'hekk tohloq strutturi aktar leggeri b'inqas nefqa fil-payroll u bl-objettiv li organizazzjoni aktar leggera u catta, (fis-sens ta' inqas layers ta' reporting u

supervizjoni), twassal ghal “cost effectiveness” bi tnaqqis fl-”indirect overheads”.

Il-kumapanija Packprint agixxiet b’din l-istrategija fid-decizjoni li tnaqqas ghadd ta’ dipendenti. Hu process li umanament iwegga’ konsiderevolment u jikkreja simpatija ma’ min igarrab “redundancy”.

Dawn huma pero’ ir-”rules of the game” vigenti u waqt li wiehed jikkomprendi l-effetti emottivi li sofra l-appellant, hu stabbilit li l-kumpanija agixxiet skond id-drittijiet mill-ligi tax-xoghol illi wettqet ristrutturazzjoni interna bir-responsabbilita’ u r-riskji li jinholqu, pero’ tali “downsizing” hi prerogattiva taghha.

Ghal finijiet tar-Regolamenti ta’ l-1986 (A.L. 48 ta’ l-1986) dwar drittijiet li jithallsu maghmula taht il-Kapitolu 266 tal-Ligijiet, it-Tribunal qieghed jintaxxa lil kull wiehed miz-zewg difensuri d-dritt ta’ erbghin lira maltin (Lm40).

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

----------------------
Tonio Portughese
CHAIRMAN

--------------------
Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg